

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/162**tal-4 ta' Frar 2022****li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu, il-verifika u r-rapportar dwar it-tnaqqis fil-konsum ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiksibu t-tali tnaqqis****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 13(4), l-ewwel subparagrafu, tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tistabbilixxi obbligu fuq l-Istati Membri li jieħdu miżuri biex jinkiseb tnaqqis ambizzjuż u sostnut fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness ta' dik id-Direttiva ("prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss"). Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika ta' dak it-tnaqqis fil-konsum.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tistabbilixxi wkoll obbligu fuq l-Istati Membri li jirrapportaw, lill-Kummissjoni, id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jkunu tqiegħdu fis-suq kull sena u informazzjoni dwar il-miżuri meħuda sabiex jitnaqqas il-konsum ta' tali prodotti, inkluż rapport ta' verifika tal-kwalità. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-format għal dak ir-rapportar.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tagħti lill-Istati Membri marġni wiesa' ta' diskrezzjoni biex jiddeċiedu liema miżuri għandhom jadottaw sabiex jinkiseb tnaqqis ambizzjuż u sostnut fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw skont l-impatt ambjentali tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż meta jiġu mormija bl-addoċċ, u għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji.
- (4) Il-kejl tat-tnaqqis fil-konsum abbażi tal-piż tal-kontenut tal-plastik fi prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq huwa metodu ta' kejl xieraq billi jirrifletti l-impatt ambjentali tat-tali prodotti f'termini ta' tniġġis ambjentali mill-iskart tal-plastik. Dak il-metodu jqis ukoll il-metodi ta' kejl u l-formati tar-rapportar għall-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE ⁽²⁾ li huma bbażati fuq il-piż u l-materjal.
- (5) Il-kejl tat-tnaqqis fil-konsum abbażi tan-numru ta' oġġetti ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq huwa wkoll metodoloġija xierqa biex jiġi mmonitorjat l-impatt, fil-livell tal-prodott, tat-tnaqqis tal-konsum fuq il-prevenzjoni tal-iskart u għalhekk it-tnaqqis potenzjali tat-tniġġis tal-plastik fl-ambjent.
- (6) Meta jitqies il-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni mogħti lill-Istati Membri permezz tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/904, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw l-għażla bejn il-kalkolu tat-tnaqqis tal-konsum abbażi jew tal-piż totali tal-plastik li jinsab fil-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq jew tan-numru tat-tali prodotti mqiegħda fis-suq. Peress li ż-żewġ metodoloġiji jipprovdu *data* xierqa għall-monitoraġġ tax-xejriet u

⁽¹⁾ ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE tat-22 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tad-dejta skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 86, 5.4.2005, p. 6), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/665 tas-17 ta' April 2019 (ĠU L 112, 26.4.2019, p. 26).

l-impatt tal-miżuri meħuda fuq il-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart kif ukoll fuq is-sostituzzjoni tal-prodotti b'alternattivi li jistgħu jerġġu jintużaw jew li ma fihomx plastik, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw l-għażla li jagħżlu minn dawk iż-żewġ metodoloġiji l-metodoloġija li hija kompatibbli mal-politiki u l-miżuri tagħhom għat-tnaqqis tal-konsum meħuda skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/904.

- (7) Meta f'ċertu Stat Membru, l-għadd jew il-piż ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ma jkunx rappreżentattiv għall-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss f'dak l-Istat Membru minħabba movimenti sinifikanti fi ħdan l-Unjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-livell bl-ingrossa, l-Istat Membru jenħtieġ li jitħalla jaġġusta l-piż jew in-numru sabiex iqis dawn il-movimenti.
- (8) Meta Stat Membru jagħżel li japplika l-metodoloġija bbażata fuq il-piż, jenħtieġ li huwa jirrapporta wkoll id-*data* dwar il-piż totali ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss magħmula parzjalment mill-plastik li tqiegħdu fis-suq, peress li t-tali informazzjoni tikkontribwixxi għall-komparabbiltà tad-*data* u tagħmilha possibbli li tinkiseb ħarsa ġenerali usa' tal-impatt tar-rekwiżit tat-tnaqqis tal-konsum stabbilit fid-Direttiva (UE) 2019/904.
- (9) Sabiex tiġi ffaċilitata l-ħarsa ġenerali tal-Kummissjoni lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jinkiseb tnaqqis fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/904, il-format tar-rapportar jenħtieġ li jkun fih lista indikattiva ta' kategoriji differenti ta' tali miżuri. Madankollu, l-Istati Membri huma mitluba jirrapportaw il-miżuri kollha meħuda anke jekk ma jkunux imsemmija b'mod espliċitu fil-lista indikattiva.
- (10) Sabiex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-verifika tad-*data*, il-format tar-rapportar jenħtieġ li jiżgura li jiġu identifikati l-parametri kollha rilevanti għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis fil-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, għar-rapportar tad-*data* dwar it-tali prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq u għar-rapportar tal-miżuri meħuda biex jinkiseb it-tnaqqis tal-konsum, u jenħtieġ li tiġi stabbilita l-metodoloġija li għandha tiġi applikata għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis tal-konsum.
- (11) Il-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis fil-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imsemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2019/904, u l-formati għar-rapportar tad-*data* dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq, kif ukoll l-informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri, imsemmija fl-Artikolu 13(4) ta' dik id-Direttiva, huma marbuta mill-qrib minħabba s-suġġett tagħhom. Għalhekk ikun xieraq li jiġi adottat dan l-att abbażi ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet sabiex tiġi żgurata koerenza bejn ir-regoli dwar il-kalkolu, il-verifika u r-rapportar tat-tnaqqis tal-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dawk ir-regoli.
- (12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Metodoloġija għall-kalkolu tat-tnaqqis fil-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss

1. L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw it-tnaqqis fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss abbażi ta' wieħed mill-parametri li ġejjin:
 - (a) il-piż totali ta' plastik fil-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq fi Stat Membru f'sena kalendarja;
 - (b) In-numru ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq fi Stat Membru f'sena kalendarja.

⁽³⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

2. L-Istati Membri għandhom jikkalkulaw it-tnaqqis fil-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq fi Stat Membru f'sena kalendarja skont il-formuli stabbiliti fl-Anness I.
3. Meta jkun hemm esportazzjonijiet jew importazzjonijiet jew movimenti oħra sinifikanti fl-Unjoni ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss qabel ma jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumatur jew tal-utent finali, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-piż jew in-numru ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 1, sabiex jitqiesu dawn il-movimenti.

Artikolu 2

Rapportar tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq imsemmija fl-Artikolu 13(1), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2019/904, kif ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni, fil-format stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-miżuri għat-tnaqqis tal-konsum imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva (UE) 2019/904 fil-format stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw ir-rapport ta' verifika tal-kwalità fir-rigward tad-*data* u l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu fil-format stabbilit fl-Anness IV.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-*data* rrapportata mill-Istati Membri sakemm, fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fir-rapporti ta' verifika tal-kwalità, l-Istat Membru ma jkunx ipprova rikjesta ġustifikata biex ma tiġix ippubblikata ċerta *data*.
5. Sa fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jużaw reġistri elettroniċi biex jiġbru u jirrapportaw id-*data* lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Formuli għall-kalkolu tat-tnaqqis fil-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss

Għal tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom imsemmija fil-Parti A, il-punt (1), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 ("tazzi għax-xorb"):

$$\text{ConRedCfB} = \frac{\text{PoMCfB}(t) - \text{PoMCfB}(t2022)}{\text{PoMCfB}(t2022)} \times 100$$

Għal kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-Parti A, il-punt (2), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 ("kontenituri tal-ikel"):

$$\text{ConRedFC} = \frac{\text{PoMFC}(t) - \text{PoMFC}(t2022)}{\text{PoMFC}(t2022)} \times 100$$

fejn:

CfB tfisser tazzi tax-xorb;

FC tfisser kontenituri tal-ikel;

ConRed tfisser tnaqqis fil-konsum fi Stat Membru għal kull sena kalendarja;

PoMCfB tfisser:

- (a) il-piż totali tal-plastik (tunnellati) li jinsab fit-tazzi tax-xorb imqiegħda fis-suq fi Stat Membru f'sena kalendarja partikolari, fejn rilevanti aġġustat f'konformità mal-Artikolu 1(3), fejn il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), tiġi applikata għall-kalkolu tat-tnaqqis fil-konsum, jew
- (b) l-għadd totali ta' tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq fi Stat Membru f'sena kalendarja partikolari, fejn rilevanti aġġustat f'konformità mal-Artikolu 1(3), fejn tiġi applikata l-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b), għall-kalkolu tat-tnaqqis fil-konsum;

PoMFC tfisser

- (i) il-piż totali tal-plastik (tunnellati) li jinsab f'kontenituri tal-ikel imqiegħda fis-suq fi Stat Membru f'sena kalendarja partikolari, fejn rilevanti aġġustat f'konformità mal-Artikolu 1(3), fejn il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), tiġi applikata għall-kalkolu tat-tnaqqis fil-konsum, jew
- (ii) l-għadd totali ta' kontenituri tal-ikel mqiegħda fis-suq fi Stat Membru f'sena kalendarja partikolari, fejn rilevanti aġġustat f'konformità mal-Artikolu 1(3), fejn il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b), tiġi applikata għall-kalkolu tat-tnaqqis fil-konsum;

t2022 tfisser is-sena ta' referenza li hija s-sena kalendarja 2022

t tfisser is-sena ta' referenza (is-sena li għaliha tinġabar u tiġi rrapportata *d-data*).

Format għar-rapportar tad-*data* dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq

	Piż tal-plastik ⁽¹⁾ (tunnellati)	Piż totali ⁽²⁾ (tunnellati)	Prodotti ⁽³⁾ (eluf ta' unitajiet)
Tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom imsemmija fil-Parti A, il-punt(1), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 magħmula kompletament mill-plastik			
Kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-parti A, il-punt(2), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 magħmula kompletament mill-plastik			
Tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom imsemmija fil-Parti A, il-punt (1), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 magħmula parzjalment mill-plastik			
Kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-parti A, il-punt (2), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 magħmula parzjalment mill-plastik			

(¹) Il-forniment tad-*data* huwa obbligatorju jekk Stat Membru japplika l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), u jista' jiġi aġġustat f'konformità mal-Artikolu 1(3). Il-forniment tad-*data* huwa volontarju jekk Stat Membru japplika l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 1(1), il-punt (b).

(²) Il-forniment tad-*data* huwa obbligatorju jekk Stat Membru japplika l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), u jista' jiġi aġġustat f'konformità mal-Artikolu 1(3). Il-forniment tad-*data* huwa volontarju jekk Stat Membru japplika l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 1(1), il-punt (b).

(³) Il-forniment tad-*data* huwa obbligatorju jekk Stat Membru japplika l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 1(1), il-punt (b), u jista' jiġi aġġustat f'konformità mal-Artikolu 1(3). Il-forniment tad-*data* huwa volontarju jekk Stat Membru japplika l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 1(1), il-punt (a).

Format għar-rapportar tal-informazzjoni dwar il-miżuri għat-tnaqqis tal-konsum

1. Miżuri biex jinkiseb tnaqqis fil-konsum tat-tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom, imsemmija fil-Parti A, il-punt (1), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 (SUP CFB)

Miżuri għat-tnaqqis tal-konsum	Speċifikazzjoni tal-miżura (subkategoriji)	Deskrizzjoni kwantitattiva/kwalitattiva tal-miżura	Dħul fis-seħħ tal-miżura	Natura ġuridika tal-miżura (volontarja/obligatorja)	Kopertura tal-miżura (lokali, reġjonali, nazzjonali jew oħrajn)	Il-grupp fil-mira tal-miżura (produtturi, importaturi, bejjiegħa, konsumaturi)
Miri kwantitattivi	<ul style="list-style-type: none"> — Miri kwantitattivi għat-tnaqqis tas-sehem ta' SUP CFB imqiegħda fis-suq u magħmula disponibbli għall-konsumaturi. — Miri kwantitattivi biex jiżded is-sehem ta' alternattivi li jistgħu jergħu jintużaw għal SUP CFB imqiegħda fis-suq u magħmula disponibbli għall-konsumaturi 					
Promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli għal SUP CFB (inkluż plastik CFB li jista' jerġa' jintuża)	<ul style="list-style-type: none"> — Miżuri li jipromwovu alternattivi li jistgħu jergħu jintużaw għal SUP CFB fl-amministrazzjonijiet pubbliċi — Miżuri li jistabbilixxu obbligi jew inċentivi għall-operaturi ekonomiċi biex jagħmlu alternattivi li jistgħu jergħu jintużaw għal SUP CFB disponibbli għall-konsumaturi f'avvenimenti pubbliċi kbar — Miżuri li jistabbilixxu sistemi ta' "ġib tiegħek stess" li jippermettu lill-konsumaturi iġibu t-tazzi tax-xorb tagħhom. — Promozzjoni ta' mudelli ta' negozju li jipprovdu alternattivi li jistgħu jergħu jintużaw għal SUP CFB — Miżuri li jistabbilixxu obbligi jew inċentivi għall-operaturi ekonomiċi biex jipprovdu CFB alternattiv sostenibbli fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali — Il-promozzjoni ta' sorsi pubbliċi b'xejn ta' ilma tax-xorb li jħeġġu lin-nies iġibu tazza li tista' terġa' timtela jew li jixorbu mill-vit. 					

Miżuri għat-tnaqqis tal-konsum	Speċifikazzjoni tal-miżura (subkategoriji)	Deskrizzjoni kwantitattiva/kwalitattiva tal-miżura	Dħul fis-seħħ tal-miżura	Natura ġuridika tal-miżura (volontarja/obbligatorja)	Kopertura tal-miżura (lokali, reġjonali, nazzjonali jew oħrajn)	Il-grupp fil-mira tal-miżura (produtturi, importaturi, bejjiegħa, konsumaturi)
Strumenti ekonomiċi	<ul style="list-style-type: none"> — Imposti applikati fuq l-operaturi ekonomiċi meta jqiegħdu SUP Cfb fis-suq — Akkwist Pubbliku Ekoloġiku — Skemi ta' Rifużjoni tad-Depożitu — Sussidji jew imposti mnaqqa għall-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq alternattivi għal SUP Cfb li jistgħu jerrġu jintużaw — Strumenti li jiżguraw skontijiet għall-konsumaturi li jixtru jew iġibu alternattivi tagħhom stess għal SUP Cfb li jistgħu jerrġu jintużaw — Obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-produtturi ta' SUP Cfb 					
Restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu	<ul style="list-style-type: none"> — Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' SUP Cfb sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu sostitwiti b'alternattivi li jistgħu jerrġu jintużaw jew li ma fihomx plastik jew li fihom inqas plastik kif imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2019/904 — Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' SUP Cfb f'ċerti postijiet speċifiċi (eż. bajjiet jew parks pubbliċi) jew minn ċerti operaturi ekonomiċi u amministrazzjonijiet pubbliċi — Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' SUP Cfb meta jiġi servut ix-xorb lill-konsumaturi. 					

Miżuri għat-tnaqqis tal-konsum	Speċifikazzjoni tal-miżura (subkategoriji)	Deskrizzjoni kwantitattiva/kwalitattiva tal-miżura	Dħul fis-seħħ tal-miżura	Natura ġuridika tal-miżura (volontarja/obbligatorja)	Kopertura tal-miżura (lokali, reġjonali, nazzjonali jew oħrajn)	Il-grupp fil-mira tal-miżura (produtturi, importaturi, bejjiegħa, konsumaturi)
Ftehimiet bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-setturi ekonomiċi skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva (UE) 2019/904	<ul style="list-style-type: none"> — Ftehimiet li fihom miri kwantitattivi biex jitnaqqas l-għadd ta' SUP Cfb imqiegħda fis-suq. — Ftehimiet li fihom miri kwantitattivi biex jitqiegħdu fis-suq alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw jew prodotti mingħajr plastik. — Ftehimiet li fihom obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi [tas-setturi ekonomiċi rilevanti] biex jinfurmaw lill-konsumaturi jew jinkoraġġixxu lill-konsumaturi jużaw alternattivi għal SUP Cfb jew sistemi ta' użu mill-ġdid 					<i>Is-settur ikkonċernat u l-ammont ta' atturi li jissottoskrivu għall-ftehimiet</i>
Miżuri ta' sensibilizzazzjoni [iffukati fuq SUP Cfb]	<ul style="list-style-type: none"> — Kampanji biex titqajjem kuxjenza dwar l-impatti ambjentali negattivi ta' SUP Cfb minħabba r-rimi taż-żibel u rimi mhux xieraq ieħor tal-iskart, inkluż bħala parti minn kampanji ta' tindif taż-żibel — Promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli għal SUP Cfb (eż. tazzi tax-xorb li jistgħu jerġgħu jintużaw) — Promozzjoni ta' postijiet konnessi ma' skemi ta' użu mill-ġdid (eż. skemi "ġib it-tazza tiegħek") 					
Miżuri oħrajn	<i>Jekk jogħġbok speċifika</i>					

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

2. Miżuri biex jinkiseb tnaqqis fil-konsum ta' kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-Parti A, il-punt (2), tal-Anness għad-Direttiva (UE) 2019/904 (SUP FC)

Miżura għat-tnaqqis tal-konsum	Speċifikazzjoni tal-miżura (subkategoriji)	Deskrizzjoni kwantitattiva/kwalitattiva tal-miżura	Dħul fis-seħħ tal-miżura	Natura ġuridika tal-miżura (volontarja/obbligatorja)	Kopertura tal-miżura (lokali, reġjonali, nazzjonali jew oħrajn)	Il-grupp fil-mira tal-miżura (produtturi, importaturi, bejjiegħa, konsumaturi)
Mira kwantitattiva	<ul style="list-style-type: none"> — Miri kwantitattivi għat-tnaqqis tas-sehem ta' SUP FC imqiegħda fis-suq u magħmula disponibbli għall-konsumaturi — Miri kwantitattivi biex jiżdied is-sehem ta' alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw għal SUP FC imqiegħda fis-suq u magħmula disponibbli għall-konsumaturi 					
Promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli għal SUPFC (inkluż plastik li jista' jerġa' jintuża)	<ul style="list-style-type: none"> — Miżuri li jippromwovu alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw għal SUP FC fl-amministrazzjonijiet pubbliċi — Miżuri li jistabbilixxu obbligi jew inċentivi għall-operaturi ekonomiċi biex jagħmlu alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw għal SUP FC disponibbli għall-konsumaturi f'avvenimenti pubbliċi kbar — Miżuri li jistabbilixxu sistemi ta' "għib tiegħek stess" li jippermettu lill-konsumaturi jgħibu l-kontenitur tal-ikel tagħhom stess — Promozzjoni ta' mudelli ta' negozju li jipprovdu alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw għal SUP FC, bħal sistemi ta' depożitu. Miżuri li jistabbilixxu obbligi jew inċentivi għall-operaturi ekonomiċi biex jipprovdu alternattivi sostenibbli għal SUP FC fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali — Promozzjoni ta' mudelli ta' negozju li jipprevedu alternattivi sostenibbli għal SUP FC 					

Strumenti ekonomiċi	<ul style="list-style-type: none"> — Imposti fuq l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-SUP FC fis-suq — Sussidji jew imposti mnaqqsa għall-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw għal SUP FC. — Akkwist Pubbliku Ekoloġiku — Skemi ta' Depożitu fuq ir-Ritorn — Strumenti li jiżguraw skontijiet għall-konsumaturi li jixtru alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw għal SUP FC. 					
Restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu	<ul style="list-style-type: none"> — Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' SUP FC sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu sostitwiti b'alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw jew li ma fihomx plastik jew li fihom inqas plastik kif imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2019/904. — Restrizzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' SUP FC f'ċerti postijiet speċifiċi (eż. bajjiet jew parks pubbliċi) jew minn ċerti operaturi ekonomiċi u amministrazzjonijiet pubbliċi — Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' SUP FC meta jiġi pprovdut l-ikel lill-konsumaturi. 					
Ftehimiet bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-setturi ekonomiċi skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva (UE) 2019/904	<ul style="list-style-type: none"> — Ftehimiet li fihom miri kwantitattivi biex jinaqqas l-għadd ta' SUP FC imqiegħda fis-suq — Ftehimiet li fihom miri kwantitattivi biex jiqiegħdu fis-suq alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw jew prodotti mingħajr plastik — Ftehimiet li fihom obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi [tas-setturi ekonomiċi rilevanti] biex jinfirmaw lill-konsumaturi jew jinkoraġġixxu lill-konsumaturi jużaw alternattivi għal SUP FC jew sistemi ta' użu mill-ġdid 					Is-settur ikkonċernat u l-ammont ta' atturi li jissottoskrivu għall-ftehimiet

Miżuri ta' sensibilizzazzjoni [iffukati fuq SUP FC]	<ul style="list-style-type: none"> — Kampanji biex titqajjem kuxjenza dwar l-impatt ambjentali negattiv ta' SUP FC min-ħabba r-rimi taż-żibel u rimi mhux xieraq ieħor tal-iskart, inkluż bħala parti minn kampanji ta' tindif taż-żibel — Il-promozzjoni ta' alternattivi sostenibbli għal SUP FC (eż. kontenituri tal-ikel li jstgħu jerġgħu jintużaw) — Promozzjoni ta' postijiet konnessi ma' skemi ta' użu mill-ġdid (eż. skemi ta' "ġib il-kontenitur tal-ikel tiegħek stess") 					
Miżuri oħrajn	<i>Jekk jogħġbok speċifika</i>					

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

Format għar-rapport ta' verifika tal-kwalità:**1. Informazzjoni ġenerali**

- 1.1. L-Istat Membru:
- 1.2. Organizzazzjoni li qed tibgħat id-*data* u d-deskrizzjoni:
- 1.3. Persuna ta' kuntatt / dettalji ta' kuntatt:
- 1.4. Sena ta' referenza:
- 1.5. Data tal-konsenja / verżjoni:
- 1.6 Link għall-pubblikazzjoni tad-*data* mill-Istat Membru (jekk hemm):

2. Deskrizzjoni tal-partijiet involuti fil-ġbir tad-*data*:

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

3. Deskrizzjoni tal-metodi użati.

- a. **Sorsi ta' *data* għall-kalkolu tad-*data* dwar tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom imsemmija fil-Parti A, il-punt (1), tal-Anness għad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq ta' Stat Membru**

Sorsi tad- <i>data</i>	Sors tad- <i>data</i> użat (iva/le)	Deskrizzjoni tal-metodi applikati	Sehem mid- <i>data</i> totali
<i>Data</i> mill-iskemi ta' rifużjoni tad-depożitu			
<i>Data</i> tal-iskema tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR). <i>Data</i> mill-produtturi, jew minn organizzazzjonijiet li jimplementaw l-obbligi ta' EPR f'isimhom			
<i>Data</i> mir-reġistri ċentrali dwar tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq			
<i>Data</i> mill-muniċipalitajiet			

Sorsi tad- <i>data</i>	Sors tad- <i>data</i> użat (iva/le)	Deskrizzjoni tal-metodi applikati	Sehem mid- <i>data</i> totali
Stħarriġ			
Reġistru elettroniku			
Rapportar amministrattiv			
Statistika tal-produzzjoni — kodiċijiet nazzjonali			
Statistika tat-taxxa			
Statistika tal-industrija			
Sorsi oħrajn (speċifika)			

b. **Sorsi ta' *data* għall-kalkolu tad-*data* dwar il-kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-Parti A, il-punt (2), tal-Anness għad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq ta' Stat Membru.**

Sorsi tad- <i>data</i>	Sors tad- <i>data</i> użat (iva/le)	Deskrizzjoni tal-metodi applikati	Sehem mid- <i>data</i> totali
<i>Data</i> mill-iskemi ta' rifiżjoni tad-depożitu			
<i>Data</i> tal-iskema tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR). <i>Data</i> mill-produtturi, jew minn organizzazzjonijiet li jimplimentaw l-obbligi ta' EPR fisimhom			
<i>Data</i> mir-reġistri ċentrali dwar il-kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq			
<i>Data</i> mill-muniċipalitajiet			
Stħarriġ			
Analiżi tal-kompożizzjoni			
Reġistru elettroniku			
Rapportar amministrattiv			
Statistika tal-produzzjoni — kodiċijiet nazzjonali			
Statistika tat-taxxa			
Statistika tal-industrija			
Sorsi oħrajn (speċifika)			

- c. **Meta d-data tiġi rrapportata abbażi tal-piż bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a), jekk jogħġbok indika jekk intużatx stima għall-piż tal-plastik li jinsab fi prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ta' Stat Membru, u għall-piż totali tat-tali prodotti, fejn il-għbir tad-data ma jkoprix is-suq kollu. Jekk iva, jekk jogħġbok indika l-piż miżjud tal-plastik f% tal-piż totali rrapportat**

Kwistjonijiet speċifiċi kkunsidrati	Deskrizzjoni tal-metodi applikati biex jiġu ddeterminati l-istimi ⁽⁵⁾	%	
Opportunisti ⁽¹⁾			
Movimenti privati fi ħdan l-Unjoni, importazzjonijiet/esportazzjonijiet ⁽²⁾			
Bejgħ online ⁽³⁾			
Regoli <i>de-minimis</i> ⁽⁴⁾			
Oħrajn (speċifika)			

⁽¹⁾ Opportunist huwa produttur jew distributtur li jqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss iżda ma jissodisfax ir-responsabbiltajiet tal-EPR tiegħu b'mod individwali jew kollettiv ma' produtturi oħra.

⁽²⁾ Movimenti fi ħdan l-Unjoni u importazzjonijiet/esportazzjonijiet ta' prodotti wara li jkunu nbiegħu lill-utenti aħharja.

⁽³⁾ Id-data dwar it-tqegħid fis-suq għandha tinkludi l-bejgħ permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod.

⁽⁴⁾ Regoli *de-minimis* applikati għar-rapportar dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq.

- d. **Meta d-data tiġi rrapportata abbażi tan-numru ta' prodotti bl-użu tal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (b), jekk jogħġbok indika jekk intużatx stima tan-numru ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ta' Stat Membru, fejn il-għbir tad-data ma jkoprix is-suq kollu. Jekk iva, jekk jogħġbok indika n-numru miżjud ta' prodotti f% tan-numru totali rrapportat**

Kwistjonijiet speċifiċi kkunsidrati	Deskrizzjoni tal-metodi applikati biex jiġu ddeterminati l-istimi ⁽⁵⁾	%	
Opportunisti ⁽¹⁾			
Movimenti privati intra-UE, importazzjonijiet/esportazzjonijiet ⁽²⁾			
Bejgħ online ⁽³⁾			
Regoli <i>de-minimis</i> ⁽⁴⁾			
Oħrajn (speċifika)			

⁽¹⁾ Opportunist huwa produttur jew distributtur li jqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss iżda ma jissodisfax ir-responsabbiltajiet tal-EPR tiegħu b'mod individwali jew kollettiv ma' produtturi oħra.

⁽²⁾ Movimenti fi ħdan l-Unjoni u importazzjonijiet/esportazzjonijiet ta' prodotti wara li jkunu nbiegħu lill-utenti aħharja.

⁽³⁾ Id-data dwar it-tqegħid fis-suq għandha tinkludi l-bejgħ permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod.

⁽⁴⁾ Regoli *de-minimis* applikati għar-rapportar dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq.

4. Sistema għall-verifika u għall-kontroll tad-*data*

a. Verifika tad-*data* dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ta' Stat Membru

Proċeduri ta' verifika u ta' kontroll	Applikati għad- <i>data</i> rilevanti kollha dwar		Kummenti addizzjonali, jekk rilevanti
	Tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom imsemmija fil-Parti A, il-punt (1), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq (iva/le)	Kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-Parti A, il-punt (2), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq (iva/le)	
Verifiki tal-kompletezza tad- <i>data</i>			
Kontroverifiki			
Verifiki tas-serje kronoloġika			
Verifiki tal-awditi			
Oħrajn (speċifika)			

b. Deskrizzjoni tal-fatturi ewlenin li jaffettwaw l-akkuratezza tad-*data* dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mqiegħda fis-suq ta' Stat Membru

Fatturi li jistgħu jaffettwaw l-affidabbiltà [akkuratezza] tad- <i>data</i>	Fatturi rilevanti għal kwalunkwe <i>data</i> dwar		Deskrizzjoni ta' kif tiġi affettwata l-akkuratezza tad- <i>data</i> u liema metodi jiġu applikati biex jiġi minimizzat impatt bħal dan
	Tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom imsemmija fil-Parti A, il-punt (1), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq (iva/le)	Kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-Parti A, il-punt (2), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq (iva/le)	
Erruri tal-kampjunar ⁽¹⁾ (eż. koefċjenti tal-varjazzjoni)			
Erruri tal-kopertura ⁽²⁾ (eż. regoli <i>de minimis</i> , kopertura reġjonali)			
Erruri tal-kejl ⁽³⁾			
Strumenti tat-test għall-ġbir tad- <i>data</i> ⁽⁴⁾ (eż. kwestjonarji)			

Fatturi li jistgħu jaffettwaw l-affidabbiltà [akkuratezza] tad- <i>data</i>	Fatturi rilevanti għal kwalunkwe <i>data</i> dwar		Deskrizzjoni ta' kif tiġi affettwata l-akkuratezza tad- <i>data</i> u liema metodi jiġu applikati biex jiġi minimizzat impatt bħal dan
	Tazzi tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom imsemmija fil-Parti A, il-punt (1), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq (iva/le)	Kontenituri tal-ikel tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmija fil-Parti A, il-punt (2), tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 mqiegħda fis-suq (iva/le)	
Erruri tal-ipproċessar ⁽⁵⁾			
Erruri marbuta ma' nuqqas ta' twegħib ⁽⁶⁾			
Erruri fl-għażla tal-mudell ⁽⁷⁾			
Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)			

⁽¹⁾ Iddeskrivi l-koeffiċjenti stmati tal-varjazzjoni u l-metodoloġiji applikati għall-istima tal-varjanza.

⁽²⁾ Iddeskrivi t-tip u d-daqs tal-erruri tal-kopertura.

⁽³⁾ Iddeskrivi l-istrumenti biex jitnaqqsu r-riskji potenzjali u jiġu evitati l-erruri.

⁽⁴⁾ Iddeskrivi l-istrumenti u l-metodoloġiji applikati biex jiġu żgurati l-kwalità u r-rilevanza tal-istrumenti għall-għbir tad-*data*.

⁽⁵⁾ Iddeskrivi l-passi tal-ipproċessar bejn il-għbir tad-*data* u l-produzzjoni tal-istatistika u elenka l-erruri tal-ipproċessar identifikati u l-firxa tagħhom.

⁽⁶⁾ Iddeskrivi r-rati ta' nuqqas ta' twegħib għall-varjabbli ewlenin u l-metodi ta' imputazzjoni (jekk hemm).

⁽⁷⁾ Iddeskrivi t-tip u d-daqs tal-erruri fl-għażla tal-mudell.

c. Spjegazzjoni tal-ambitu u l-validità tal-istħarriġ biex tinġabar *data* dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq ta' Stat Membru

Żid ir ringieli skont kif meħtieġ.

d. Differenzi mid-*data* rrapportata għas-snin ta' rapportar preċedenti

Bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu użat għas-sena ta' referenza attwali meta mqabbel mal-metodu tal-kalkolu użat għas-snin ta' referenza preċedenti, jekk hemm (jekk jogħġbok inkludi b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, in-natura tagħhom u jekk huwiex meħtieġ *break-flag* għal sena speċifika).

Żid ir ringieli skont kif meħtieġ.

- e. **Meta l-piż tal-plastik li jinsab fi u l-piż totali ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jitqiegħdu fis-suq ta' Stat Membru jew in-numru tat-tali prodotti mqiegħda fis-suq ta' Stat Membru jkun żdied b'aktar minn 10 % meta mqabbel mas-sena ta' rapportar preċedenti, spjegazzjoni tar-raġunijiet għal dawk id-differenzi.**

Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fis-suq	Varjazzjoni (%)	Raġuni ewlenija għall-varjazzjoni

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

5. **Kunfidenzjalità**

Ġustifikazzjoni biex ma jiġux ippubblikati partijiet speċifiċi ta' dan ir-rapport ta' verifika tal-kwalità skont l-Artikolu 2(4) u lista tal-partijiet li huma mitluba biex jinżammu.

Żid ir ringieli skont kif meħtieġ.

6. **Siti web, dokumenti ta' referenza u pubblikazzjonijiet nazzjonali ewlenin**

Jekk jogħġbok ipprovdni l-isem u url tas-siti, dokumenti ta' referenza u pubblikazzjonijiet ewlenin relatati ma' dan il-ġbir ta' *data*.

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.